# Storja ta' Raħal Ġdid



Sa minn żmien il-Kavallieri nsibu li xi ħadd dejjem ħaseb sabiex din iż-żona jkollha post fejn in-nies setgħu jinġabru għad-dmirijiet tagħhom reliġjużi komodament. Jekk il-Balliju De Souza fis-sena 1747 bena l-knisja ta' San Franġisk de Paola għall-ħaddiema tax-xwieni u l-baħħara, Pietru Pawl Micallef għamel l-istess għar-residenti ta' din iż-żona fl-1952, li kienu qed jiżdiedu ġmielhom.

Bla dubju żewġ persuni strumentali għall-bini tal-kappella kienu propju Pietru Pawl Micallef u s-Sur Wistin Xuereb. Ta' l-ewwel kien wieħed għani, armel u kien jgħix ġo 'Dar Canossa', dar kbira fil-bidu tan-niżla ta' Triq Għajn Dwieli. Dawn iż-żewġ persuni wrew ix-xewqa li wara mewthom iħallu dan il-postijiet għal bżonnijiet reliġjużi bħal qrar, quddies u post ta' talb għall-nies taż-żona li kienu ferm il-bogħod miż-żewġ parroċċi ta' madwarhom - dawk ta' Bormla u Raħal Ġdid. Malajr bdew ifittxu lil liema ordni reliġjuża kienu ser ikellmu. Is-sur Micallef issuġerixxa il-Ġiżwiti, li saħansitra kien mar jgħix magħhom għal xi ftit ta' żmien, u anke' issemmew wkoll il-Karmelitani. Pero' Xuereb, peress li kellu xi qraba Kapuċċini, ġew dawn f'moħħu u propji Pietru Pawl bagħat ittra lill-Provinċjal ta' din l-ordni u dawn minn naħa tagħhom ma qalux le.

Iż-żmien beda għaddej u donnu Pietru Pawl kien ser ibiddel fehmtu iżda permezz t'hekk il-permessi mill-Kurja u Ruma issoktaw f'pass mgħaġġel u b'hekk ġie deċiż li ssir kapella proviżorja fid-dar ta' Pietru Pawl stess 'Dar Canossa'. Filfatt din il-kappella saret fl-ewwel żewġ kmamar ta' barra tad-dar, wara li saru il-modifikazzjonijiet meħtieġa u kien fit-23 ta' Awwissu 1953 meta din il-kappella tbierket u għalhekk uffiċjalment waslu fost in-nies ta' din iż-żona il-patrijiet Kapuċċini. Din tbierket mill-provinċjal ta' dak iż-żmien Patri Pietru Mamo. Minn dak in-nhar ukoll f'Għajn Dwieli kien hemm l-ewwel kunvent tal-kapuċċini fl-istess dar ta' fejn kien joqgħod Pietru Pawl. Parti baqgħet residenza tiegħu u parti oħra intużat bħala kunventin zgħir.



Kif wieħed detgħa jirraġuna u kif kienet ukoll xewqet il-benefattur, din il-kappella kellha tiġi ddedikata lil Imnarja - San Pietru u San Pawl il-qaddisin li għalihom Pietru Pawl kien msemmi. Inkwatru b'dan iż-żewġ qaddisin ma setgħax jinstab u

kien is-sur Ġanni Portelli residenti fi Triq Għajn Dwieli wkoll, li offra inkwatru ta' Sant Antnin li kellu f'daru. Dan l-inkwatru intlaqa' anke mis-Sur Micallef u b'hekk il-kappella ġiet iddedikata lil Sant Antnin ta' Padova kif għadna nafuha llum. L-ewwel fraternita' Kapuċċina kienu P. Venazju Zammit bħala rettur, P. Innoċenz Delia, P. Donat Spiteri, P. Gejtanu Galea. Is-Sur Pietru Pawl Micallef miet fl-isptar Santa Katerina ta' Ħat' Attard fit-12 ta' Marzu 1960.

**IT-TIENI KAPPELLA:**

Hekk kif marad Patri Venazju, intbgħat bħala rettur temporanju Patri Danjel Tabone. Għal bidu dan ma ntlaqax tajjeb mis-Sur Micallef li ħaseb li hekk kien ser isir xi taħwid iżda meta mbagħad dan il-patri uffiċjalment sar ir-rettur ta' din iż-żona, bi ftehim u ħbiberija irnexxielu jiġbed is-simpatija mhux biss tan-nies taż-żona iżda wkoll tal-benefattur. Dan il-patri dlonk intebaħ li l-għadd tan-nies li kienu qed jifrekwentaw din il-kappella beda jiżdied u bi ftehim ma' Pietru Pawl inbniet kappella akbar minn dik li kien hemm fid-dar ta' Pietru Pawl, beswit id-dar ta' dan ta' l-aħħar. Din kienet akbar u isbaħ u propju' nhar l-Għid il-Kbir , 6 t'April 1958, Patri Timotu Attard - il-Provinċjal bierek din il-kappella.

Ma ġemb din il-kappella inbniet grotta ta' Lourdes li għadha hemm sal-llum, fl-okkazzjoni tal-100 sena mid-dehriet tal-Madonna.

---

## Tagħrif fuq Raħal Ġdid....
## L-ewwel Padruna tal-Pawlisti - Santa Ubaldeska



Din il-qaddisa twieledet f'Kacinaia, qrib Pisa. Għaddiet biċċa kbira minn ħajjietha f'Ġerusalemm fil-monasteru u sptar ta' l-Ordni ta' San Ġwann il-Battista. Kienet tiehu ħsieb il-pellegrini morda li kieni jaslu f'dik il-belt Imqaddsa. Kienet tgħin lil fqar. Mietet fl-1206 fl-età ta' 70 sena.

*Pittura mill-pittur Gorogono tidher lil Santa Ubaldeska fuq is-sħab imdawra mill-anġli, filwaqt li fuq ginokjjatur naraw lil Gran Mastru Antoine de Paule għarkobbtejh.*

***Ħajr William Camilleri***